# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. DR DAVID SCICLUNA LL.D. MAG. JUR. (EUR. LAW)**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 31 ta' Jannar 2001**

**Numru 8**

**Citaz. numru 613/86 DS**

Brian Valenzia ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Arva Insurance Agency Limited u din in rapprezentanza tas-socjeta` estera Norwich Union Fire Insurance Society Limited kif surrogati fid-drittijiet tal-assigurat taghhom Edsons Mini Industries Limited abbazi tal-ligi u tal-polza ta' assigurazzjoni numru MAR/OP/005/587

vs

David Jones u Alfred Pollacco ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Valletta Freight Services Ltd; Dr. Philip Sciberras LL.D. ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Sea Malta Company Limited, u b'nota tas-7 ta' Marzu

1989 Joseph Curmi fil-kwalita` tieghu ta' managing director tas-socjeta` Sea Malta Company Limited assuma l-atti tal-kawza minflok l-Avukat Dottor Philip Sciberras; u Godwin Abela ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` The Cargo Handling Company Limited

Illum, 31 ta' Jannar 2001

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fit-12 ta' Gunju 1986 li permezz taghha l-attur nomine wara li ppremetta:

Illi l-assigurat tal-attur nomine Edsons Mini Industries Limited impurtat kunsenja ta' photo frames li waslet Malta fl-14 ta' Gunju 1985 fuq il-vapur M/S Qormi;

Illi parti minn din il-konsenja waslet Malta danneggjata u/jew b'xi nuqqasijiet;

Illi l-assigurat/importatur in forza tal-Polza ta' assigurazzjoni numru MAR/OP/005/587 giet kompensata tad-danni minnha sofferti fl-ammont ta' Lm552.31,0 u di piu' issurrogat lid-ditta attrici fid-drittijiet taghhom li nefqet l-ammont ta' Lm21, spejjes ta' survey fees u Customs Certificates – b'kollox ghalhekk l-ammont ta' Lm573.31,0.

Illi dan id-danni li ghalihom ghamel tajjeb l-attur nomine gew kawzati mill-konvenuti, jew min minnhom li ghalhekk interpellati sabiex ihallsu baqghu inadempjenti.

talab lil din il-Qorti:

1. Tiddikjara lill-konvenuti responsabbli ghad-danni kkagunati lill-assigurat tal-attur nomine li ghalihom ghamel tajjeb l-istess attur nomine billi nefaq is-somma ta' Lm573.31,0.

2. Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-attur nomine is-somma ta' Lm573.31,0 li tirraprezenta d-danni sofferti mill-attur nomine skond kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi.

Bl-imghax legali mid-data tal-pagament cioe' 12 ta' Mejju 1986 u bl-ispejjez kontra il-konvenuti li minn issa ngunti ghas-subizzjoni taghhom.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tas-socjeta` Valletta Freight Services Ltd. fejn qalet:

1. Illi huma gew imharrka hazin ghax is-socjeta' Valletta Freight Services Limited ma kellha ebda obbligi taht il-Bill of Lading. Prezumibbilment is-socjeta' imsemmija riedet tigi citata bhala agenti tal-ispeditur esteru Intermodal Shipping Limited ta' Manchester, Ingilterra, imma dan ma sarx. Ghalhekk ghandhom jigu minnufieh liberati mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez.

2. Illi subordinament u fil-mertu, la huma u lanqas il-principali tas-socjeta' konvenuta esteri ma huma responsabbli ghad-danni reklamati, ghax il-merkanzija in kwistjoni tidher li giet skarikata fl-intierezza taghha u f'kondizzjoni tajba, fil-presenza tal-ufficjali tad-Dwana li quddiemhom inkiser is-sigill tal-Container. Din giet ricevuta mill-konvenuta kumpanija "The Cargo Handling Company Limited", kif jirrizulta mill-firma ta' t-tally clerk Mizzi in calce ghat-tally sheet (Dok. ZZ), bla ma saru rimarki (Dok. YY).

3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tas-socjeta` Sea Malta Company Ltd. fejn qalet:

Illi in-kwantu diretta kontra l-eccipjenti nomine t-talba hi nfondata fil-fatt u fid-dritt billi gie skarikat f’Malta dak kollu li tghabba fuqu destinat ghar-ricevituri Valletta Freight

Illi f’dan il-kuntest ukoll l-eccipjenti nomine ma ghandu l-ebda relazzjoni guridika ma l-attur nomine u kwindi ghandu jigi liberat “ab observantia”.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tas-socjeta` The Cargo Handling Co. Ltd. fejn qalet:

1. Illi t-talbiet attrici in kwantu diretti kontra s-socjeta’ The Cargo Handling Co. Ltd. huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi s-socjeta konvenuta qdiet il-funzjonijiet taghha relattivament ghall merkanzija “de quo” bid-diligenza kollha rikjesta.

2. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-kontendenti u l-listi tax-xhieda taghhom;

Rat id-digriet tat-12 ta' Jannar 1987 li permezz tieghu gie nominat l-Avukat Dottor Joseph R. Micallef bhala perit legali biex ifittex u jirrelata dwar it-talba ta' l-attur wara li jiehu konjizzjoni tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti u jaghmel l-oservazzjonijiet kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-kaz;

Rat il-verbali tax-xiehda migbura mill-imsemmi perit legali li b'digriet tas-7 ta' Dicembru 1999 gie ordnat jirritorna l-atti kollha fil-pussess tieghu;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Ikkunsidrat illi:-

Din il-kawza tirrigwarda nuqqasijiet riskontrati f'konsenja *photo frames* li importat is-socjeta` Edsons Mini Industries Ltd. f'Gunju 1985. Il-konsenja kellha tikkonsisti fi tmien kaxex kontenenti 500 *photo frame*.

Mill-provi jidher li din il-konsenja waslet Malta fl-14 ta' Gunju 1985 fuq il-vapur "Qormi" gewwa *groupage container*.

Anthony Borg, direttur tas-socjeta` importatrici, xehed li dak li jiftakar dwar il-kaz hu li mill-konsenja in kwistjoni kien hemm xi kaxex li kienu diga` miftuhin u oggetti neqsin minnhom. Huwa rrapporta x'sab lil Godwin Borg, direttur iehor tal-kumpanija.

Vincent Godwin Borg xehed li meta waslet il-merkanzija huwa partat il-*bill of lading* mad-*delivery order* ghand il-Valletta Freight biex b'hekk seta' jiehu pussess tal-merkanzija u, wara li thallas id-dazju, Cassar & Cooper tellghulu x-xoghol permezz ta' tnejn mill-erbgha min-nies li jahdmu ma' dik il-kumpanija fuq dan ix-xoghol. Meta kienet qed tinhatt il-merkanzija fil-mahzen tieghu osserva li xi kaxex ma kinux maghluqa sew u li s-sarr taghhom f'kaxxi tal-kartun kien donnu mbaghbas. Anke xi *tape* fil-*flaps* seta' jara u li kien jidher *re-taped* . Huwa sab numru ta' nuqqasijiet u sussegwentement thallas taghhom minghand l-assigurazzjoni.

L-attur nomine kkonferma li hallas is-somma ta' Lm552.31 oltre Lm21 ghas-*survey* li sar minnu personalment flimkien ma' impjegat iehor tas-socjeta` assiguratrici fil-mahzen tas-socjeta` assigurata. Mis-*survey*

irrizultat hsara f'zewg kartuniet li minnhom kien hemm neqsin 82 *photo frame* (ara *survey report* Dok. AV6).

Xehed ukoll Peter Paul Bonnici, fizzjal tad-Dwana, li kien ir-*releasing officer* fir-rigward tal-merkanzija in kwistjoni. Huwa stqarr li l-merkanzija giet rilaxxata mill-Bonded Stores tal-Gvern fejn kienu ddahhlu mis-socjeta` The Cargo Handling Co. Ltd. Meta dan isir, dik is-socjeta` tirredigi ricevuta u, wara li jsiru l-verifiki u l-konferma li d-dokument jikkorrispondi mal-fatti, jikkonfermawh u l-merkanzija tigi accettata. Mill-original tad-Dok. AV7 (dokument rilaxxat lill-importatur mid-Dwana ghall-finijiet ta' exchange control/rimessa ta' flus) u li x-xhud kellu mieghu waqt li kien qed jixhed fis-seduta peritali tad-9 ta' Ottubru 1987, irrizultalu li kien hemm zewg kartuniet danneggjati u neqsin mill-kontenut fi kwantita` ta' 82 *item*.

Minn dan mela jirrizulta li s-socjeta` importatrici kellha nuqqasijiet fil-merkanzija li rtirat mill-Bonded Stores u li ghalihom ghamlet tajjeb is-socjeta` assiguratrici attrici. Irid jigi ghalhekk determinat f'liema stadju sehhew dawn in-nuqqasijiet qabel ma gew depozitati fil-Bonded Stores.

Mill-*cargo receipt* (Dok. YY a fol. 26) esebit mis-socjeta` konvenuta Valletta Freight Services Ltd. u li ghaliha rrefera Emanuel Dimech,

rapprezentant tas-socjeta` konvenuta The Cargo Handling Co. Ltd., jirrizulta li meta l-merkanzija in kwistjoni giet *bonded* kien hemm zewg kartuniet danneggjati u *re-taped*. Mit-*tally sheet* (Dok. ZZ a fol. 26) esebit ukoll mis-socjeta` Valletta Freight Services Ltd. ma jirrizultax li meta tnizzlet il-merkanzija minn fuq il-vapur saru xi rimarki. Saviour Mizzi, skrivan mas-socjeta` The Cargo Handling Co. Ltd. u li kien it-*tally clerk* ta' din is-socjeta` li hadem flimkien mat-*tally clerk* tas-socjeta` Valletta Freight Services Ltd. biex isir it-*tallying* tal-merkanzija kontenuta fil-*container* fejn kien hemm il-merkanzija in kwistjoni, ikkonferma li ghalkemm it-*tally sheet* imsemmija ma saritx minnu izda mit-*tally clerk* l-iehor, din giet kontrasenjata minnu u ma jirrizultawx rimarki dwar l-istess merkanzija. Meta l-merkanzija giet skarikata, din ghaddiet minnufih fil-pussess tas-socjeta` konvenuta The Cargo Handling Co. Ltd.

Il-procedura uzata giet ukoll spjegata minn Mario Tellus, *operations manager* mas-socjeta` Valletta Freight Services Ltd. u qed issir referenza ghalhekk ghax-xiehda tieghu.

Is-sinifikat ta' dan huwa ovvju, li l-merkanzija tnizzlet intatta minn fuq il-vapur fl-14 ta' Gunju 1985 u ghalhekk is-socjeta` konvenuta Sea Malta Co. Ltd. qdiet il-funzjonijiet taghha kif suppost. Imbaghad sakemm il-

merkanzija damet fil-pussess tas-socjeta` kovenuta The Cargo Handling Co. Ltd. u giet *bonded* fis-26 ta' Gunju 1985 sehhew in-nuqqasijiet imsemmija. Ghalhekk m'hemmx dubju li hija ghandha tinzamm unikament responsabbli ghad-danni rizultanti.

Dwar is-socjeta` konvenuta Valletta Freight Services Ltd. mix-xiehda mhux kontradetta ta' Mario Tellus jirrizulta li hija kienet qed tagixxi bhala agenti tas-socjeta` estera Intermodal Shipping Ltd.; ghalhekk ukoll ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju.

Ghal dawn il-motivi:-

Tiddeciedi billi tillibera lis-socjetajiet konvenuti Valletta Freight Services Ltd. u Sea Malta Co. Ltd. bl-ispejjez kontra l-attur nomine, izda tilqa' t-talbiet attrici fil-konfront tas-socjeta` konvenuta The Cargo Handling Co. Ltd. u ghalhekk:

(1) tiddikjara lis-socjeta` konvenuta The Cargo Handling Co. Ltd. unikament responsabbli ghad-danni kagunati lill-assikurat tal-attur nomine li ghalihom ghamel tajjen l-istess attur nomine billi nefaq is-somma ta' Lm573.31, u

(2) tikkundanna lis-socjeta` The Cargo Handling Co. Ltd. thallas lill-attur nomine s-somma ta' Lm573.31 bl-imghax mid-data tan-notifika tac-citazzjoni.

Bl-ispejjez, salv dak li ntqal fuq, kontra l-istess socjeta` The Cargo Handling Co. Ltd.

Onor. Imhallef

Dottor David Scicluna

D/Registratur